IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.7.2025
COM(2025) 443 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport Annwali tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea 2021–2022

WERREJ

Introduzzjoni 2
Applikazzjonijiet li waslu fl-2021 u fl-2022 2
- *Fl-2021* 2
- *Fl-2022* 6

Finanzjament 7
Għeluq 8
- *Għeluq fl-2021* 8
- *Għeluq fl-2022* 9

Konklużjonijiet 9

INTRODUZZJONI

L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea[1] ("ir-Regolament") jistipula li l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-attività tal-Fond fis-sena preċedenti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport jiddeskrivi l-attivitajiet tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE ("FSUE") fl-2021 u fl-2022. Dan jiġbor fil-qosor ukoll l-applikazzjonijiet li waslu fl-2021 u fl-2022, u l-każijiet magħluqa matul il-perjodu ta' rappurtar. Il-Kummissjoni vvalutat l-applikazzjonijiet kollha skont il-kriterji stabbiliti fir-Regolament.

Fl-**2021**, il-Kummissjoni rċeviet **10 applikazzjonijiet ġodda** għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FSUE, jiġifieri mill-Belġju (għargħar għal għarrieda), il-Ġermanja (għargħar għal għarrieda), tnejn mill-Greċja (terremot ta' Kreta u terremot ta' Samos), Spanja (żbroff vulkaniku), il-Kroazja (terremot), Ċipru (nar forestali), il-Lussemburgu (għargħar għal għarrieda), in-Netherlands (għargħar għal għarrieda) u l-Awstrija (għargħar għal għarrieda). Erba' applikazzjonijiet kienu jikkonċernaw "diżastri naturali maġġuri", tlieta kienu jikkonċernaw "diżastri naturali reġjonali" u tlieta kienu jikkonċernaw "diżastri naturali f'pajjiż ġar".

L-applikazzjoni ta' Ċipru għan-nixfa u n-nirien fis-selvaġġ f'Ġunju 2021 ma ssodisfatx il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-assistenza mill-FSUE u għalhekk ma ġietx aċċettata.

Spanja, il-Kroazja u l-Greċja (fiż-żewġ applikazzjonijiet tagħha) talbu pagamenti antiċipati. Fi żmien ftit ġimgħat wara li rċeviet l-applikazzjonijiet, il-Kummissjoni tat il-pagamenti kollha antiċipati u ħallset total ta' madwar EUR 47,8 miljun.

Id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni dwar il-każ tat-terremot Grieg ta' Samos ġiet adottata f'Ġunju 2021. Id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni dwar it-terremot Kroat ta' Petrinja ġiet adottata f'Diċembru 2021. Id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni dwar is-seba' applikazzjonijiet l-oħra li ġew aċċettati fl-2021 (il-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja (Kreta), Spanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Awstrija) ġew adottati f'Diċembru 2022. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għalqet tliet każijiet tal-FSUE fl-2021.

Fl-**2022**, il-Kummissjoni rċeviet **żewġ applikazzjonijiet ġodda** għal kontribuzzjonijiet finanzjarji marbuta ma' diżastri naturali, jiġifieri mill-Italja (għargħar) u mir-Rumanija (nixfa). L-applikazzjoni Rumena kienet tikkonċerna "diżastru naturali maġġuri", filwaqt li dak Taljan kien "diżastru naturali reġjonali". Id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni korrispondenti ġew adottati f'Diċembru 2023. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għalqet tliet każijiet tal-FSUE fl-2022.

L-Anness I jelenka l-livelli limitu ta' ħsara ta' "diżastru maġġuri" applikabbli fl-2021 u fl-2022 għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE. L-Anness II jippreżenta ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjonijiet approvati fl-2021 u fl-2022, inkluża l-informazzjoni finanzjarja rilevanti.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3) kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 143) u bir-Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 (ĠU L 99, 31.3.2020, p. 9).

APPLIKAZZJONIJIET RIĊEVUTI FL-2021 U FL-2022

- ***FL-2021***

Il-Kummissjoni rċeviet 10 applikazzjonijiet ġodda għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE fl-2021. Dawn kollha waslu għand il-Kummissjoni fi żmien l-iskadenza legali ta' "mhux aktar tard minn 12-il ġimgħa wara l-ewwel okkorrenza tal-ħsara" (l-Artikolu 4(1) tar-Regolament). Madankollu, ġiet irrifjutata pplikazzjoni waħda minħabba li Ċipru ma ssodisfax il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-assistenza mill-FSUE minħabba l-ammont ta' ħsarat diretti kkawżati mid-diżastru li ma laħaqx il-livell limitu rilevanti. Erba' applikazzjonijiet kienu jikkonċernaw "diżastri maġġuri", tlieta kienu jikkonċernaw "diżastri reġjonali" u tlieta kienu bbażati fuq id-dispożizzjonijiet għal "diżastri f'pajjiż ġar".

Il-Kummissjoni adottat id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li tagħti kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE għat-terremot Grieg (Samos) fl-14 ta' Ġunju 2021, u għat-terremot Kroat fit-23 ta' Ġunju 2021. Barra minn hekk, f'Diċembru 2022, adottat id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li tagħti kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FSUE għas-seba' applikazzjonijiet li ġew aċċettati (il-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja (Kreta), Spanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Awstrija) ipproċessati flimkien f'pakkett uniku.

IL-GREĊJA – IT-TERREMOT TA' SAMOS

F'Ottubru 2020, il-Greċja esperjenzat terremot b'qawwa ta' Mw 6,9[2] fil-gżejjer tal-Eġew tat-Tramuntana ta' Samos, Ikaria u Chios. It-tsunami nfirex f'diversi żoni fil-parti tat-Tramuntana ta' Samos. Diversi persuni tilfu ħajjithom u aktar minn 300 binja pubblika u privata ġarrbu ħsara. Madwar 2 000-3 000 persuna ffaċċjaw problemi ta' akkomodazzjoni minħabba d-diżastru.

Fit-22 ta' Jannar 2021, il-Greċja ssottomettiet applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-FSUE għall-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' emerġenza u rkupru wara t-terremot. Il-Greċja ppreżentat l-applikazzjoni tagħha bħala li tikkonċerna diżastru reġjonali li jaffettwa reġjun wieħed ta' livell NUTS[3] 2 (Voreio Aigaio/EL41) u stmat li l-ħsara diretta totali hija ta' EUR 101 252 020. Il-Greċja talbet il-ħlas ta' pagament antiċipat fl-applikazzjoni tagħha.

Il-Kummissjoni tat avvanz ta' EUR 253 131 lill-Greċja bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2021) 1623 tat-8 ta' Marzu 2021, u ħallset l-ammont fis-26 ta' Marzu 2021.

Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM(2021) 201 tal-24 ta' Marzu 2021, l-awtorità baġitarja approvat il-pagament ta' EUR 2 531 301 mill-FSUE lill-Greċja fl-20 ta' Mejju 2021. Fl-14 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2021) 4439 li tat kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE. Sussegwentement, il-bilanċ ta' EUR 2 278 170 tħallas fil-5 ta' Lulju 2021.

IL-KROAZJA - IT-TERREMOT TA' PETRINJA

Il-Kroazja ġarrbet żewġ sensieli ta' terremoti devastanti. L-ewwel wieħed laqat il-belt ta' Zagreb u l-inħawi ta' madwarha f'Marzu 2020. It-tieni wieħed prinċipalment laqat il-belt ta' Petrinja u ż-żona tal-Kontea ta' Sisak-Moslavina minn Diċembru 2020 sa Jannar 2021. Il-ħsara totali stmata f'daqqa taż-żewġ sensieli ta' terremoti ammontat għal aktar minn EUR 17 biljun. Is-sitwazzjoni kienet drammatika, peress li madwar 26 000 binja saritilhom ħsara fil-

[2] Gradi ta' qawwa fil-mument skont l-Istitut Ġeodinamiku Grieg u l-Istitut Ewro-Mediterranju

[3] Klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika.

katastrofi. Pajjiżi ġirien, bħall-Italja, l-Ungerija, l-Awstrija u s-Slovenja, immedjatament bagħtu tagħmir ta' emerġenza lejn iż-żoni affettwati. It-terremoti qerdu ħafna mill-infrastruttura u ħallew ħafna nies mingħajr dar. Il-ħsara diretta kkawżata mit-terremot ta' Petrinja waħdu laħqet EUR 5,5 biljun skont il-gvern Kroat. L-applikazzjoni tal-Kroazja tal-10 ta' Ġunju 2020, li talbet il-ħlas ta' pagament antiċipat, ikkwalifikat bħala diżastru maġġuri.

Il-Kummissjoni tat pagament bil-quddiem ta' EUR 41 325 507 lill-Kroazja bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2021) 4648 tat-23 ta' Ġunju 2021, u ħallset l-ammont f'Awwissu 2021.

Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM(2021) 963 tad-29 ta' Ottubru 2021, l-awtorità baġitarja approvat il-pagament ta' EUR 319 192 359 mill-FSUE lill-Kroazja. Fit-22 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2021) 9816 li tat kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE. Il-bilanċ ta' EUR 277 866 852 tħallas f'Diċembru 2021.

IL-BELĠJU, IL-ĠERMANJA, IL-LUSSEMBURGU, IN-NETHERLANDS U L-AWSTRIJA (GĦARGĦAR GĦAL GĦARRIEDA); IL-GREĊJA (TERREMOT); SPANJA (ŻBROFF VULKANIKU)

- Għargħar fl-Ewropa tal-Punent:

  Matul is-sajf tal-2021, il-Belġju, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Awstrija ntlaqtu minn għargħar fatali, b'konsegwenzi devastanti. L-għargħar kien ikkawżat minn avvenimenti ta' temp estrem. Mill-inqas 243 persuna tilfu ħajjithom u eluf kellhom jiġu evakwati minn djarhom. L-infrastruttura lokali ġarrbet ħsara serja, u l-industrija tat-turiżmu esperjenzat ukoll telf finanzjarju kbir, peress li l-għargħar seħħ f'nofs l-istaġun turistiku.

- Żbroff vulkaniku fi Spanja:

  F'Settembru 2021, seħħ żbroff vulkaniku fuq il-gżira ta' La Palma wara li kienet ġiet irreġistrata siżmiċità intensa ġimgħa qabel, b'żewġ nixxigħat tal-lava niżlin lejn il-baħar. Il-lava kopriet aktar minn 1 000 ettaru u qerdet aktar minn 3 000 binja u diversi bliet fil-qrib. Madwar 7 000 persuna lokali ġew affettwati mill-iżbroff. Dawn kellhom jiġu evakwati u fornuti b'tagħmir ta' sikurezza biex jipproteġuhom kontra l-gassijiet ta' ħsara rilaxxati mill-vulkan matul l-iżbroff.

  Il-ħsara ammontat għal aktar minn EUR 1 biljun skont il-gvern tal-Gżejjer Kanarji. Il-Gvern Spanjol issottometta applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-FSUE f'Diċembru 2021.

- Terremot fil-Greċja:

  F'Settembru 2021, terremot devastanti laqat il-gżira Griega ta' Kreta. Raġel tilef ħajtu meta ġġarraf tempju, u ndarbu 36 persuna. Aktar minn 5 000 binja fuq il-gżira saritilhom ħsara jew ma baqgħux sikuri biex jintużaw. It-terremot huwa meqjus bħala l-aktar terremot b'saħħtu fil-Greċja mill-bidu tas-seklu għoxrin. Eluf ta' djar ma baqgħux abitabbli u eluf ta' binjiet pubbliċi ma baqgħux adegwati għall-użu wara d-diżastru.

  Il-Greċja applikat għall-appoġġ mill-FSUE f'Diċembru 2021. Skont l-awtoritajiet Griegi, il-ħsarat totali kienu ta' EUR 143 420 124, u d-diżastru għalhekk ikkwalifika bħala "diżastru naturali reġjonali".

Valutazzjoni u finanzjament:

Fil-bidu ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni rċeviet applikazzjonijiet minn ħames Stati Membri għal kontribuzzjonijiet mill-FSUE b'rabta mal-għargħar ta' Lulju 2021, u żewġ applikazzjonijiet minn Spanja (żbroff vulkaniku) u l-Greċja (terremot). Sabiex jiġi garantit trattament ugwali, il-Kummissjoni ttrattat dawn l-applikazzjonijiet bħala pakkett uniku. Wara l-applikazzjoni oriġinali, diversi Stati Membri aġġornaw il-valutazzjonijiet tal-ħsara tagħhom f'Lulju 2022.

Spanja u l-Greċja talbu pagament anticipat, u l-ħsara totali rrappurtata fis-seba' pajjiżi affettwati kienet ta' aktar minn EUR 36 biljun. Il-Kummissjoni ffinalizzat il-valutazzjoni tagħha f'Ottubru 2022 u ssottomettiet il-proposta tagħha COM(2022) 665 tal-14 ta' Ottubru 2022 lill-awtorità baġitarja. L-ammont potenzjali ta' għajnuna għas-seba' applikazzjonijiet tal-FSUE (BE, DE, EL, ES, LU, NL u AT) ġie kkalkulat għal total ta' EUR 1,9 biljun. Peress li dak l-ammont qabeż sew ir-riżorsi tal-baġit disponibbli, l-ammonti ta' għajnuna għal kull pajjiż tnaqqsu fuq bażi *pro rata*. Ġie applikat telf impost ta' 62,3 % minħabba li l-allokazzjoni totali disponibbli għall-FSUE fl-2022 kienet ta' EUR 718,5 miljun, li tikkorrispondi għal 37,7 % tal-ammont li kellu jitħallas.

Tqassim dettaljat tal-ħsara mġarrba mis-seba' Stati Membri u l-appoġġ tagħhom mill-FSUE:

- **IL-ĠERMANJA**

  Il-ħsara totali kkawżata mill-għargħar kienet ta' kważi EUR 30 biljun, u għalhekk titqies bħala "diżastru naturali maġġuri". Il-livell limitu għal "diżastri naturali maġġuri" huwa meta l-ħsara diretta stmata tkun jew aktar minn EUR 3 biljun bil-prezzijiet tal-2011 jew aktar minn 0,6 % tal-introjtu nazzjonali gross ta' pajjiż, skont liema jkun l-inqas[4]. Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2023) 1824 fl-14 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħallset lill-Ġermanja EUR 612 611 256 fil-11 ta' April 2023.

- **IL-BELĠJU**

  Il-Belġju huwa meqjus ukoll li ġarrab "diżastru naturali maġġuri", peress li l-ħsara diretta totali kienet ta' EUR 5,6 biljun, li hija ferm ogħla mil-livell limitu ta' diżastru rilevanti. Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2023) 1556 fl-1 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħallset EUR 87 737 427 lill-Belġju fis-27 ta' Marzu 2023.

- **IN-NETHERLANDS**

  In-Netherlands ġarrbu ħsara totali ta' EUR 500 miljun. L-applikazzjoni tagħhom ikkwalifikat bħala li tikkonċerna "diżastru naturali ta' pajjiż ġar", peress li l-applikazzjonijiet għall-istess avveniment ta' diżastru mill-pajjiżi ġirien il-Ġermanja u l-Belġju kkwalifikaw bħala li jikkonċernaw "diżastri naturali maġġuri". Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2022) 9864 fis-16 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni ħallset lin-Netherlands EUR 4 713 027 fit-28 ta' Diċembru 2022.

- **L-AWSTRIJA**

  L-applikazzjoni tal-Awstrija kkwalifikat ukoll bħala li tikkonċerna "diżastru naturali ta' pajjiż ġar", peress li l-applikazzjoni għall-istess avveniment ta' diżastru mill-pajjiż ġar il-Ġermanja kkwalifikat bħala li tikkonċerna "diżastru naturali maġġuri". Il-ħsara totali ammontat għal EUR 84,6 miljun. Il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2022) 9904 fid-19 ta' Diċembru 2022 u ħallset EUR 797 520 lill-Awstrija fis-27 ta' Diċembru 2022.

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 143).

- **IL-LUSSEMBURGU**

  L-applikazzjoni tal-Lussemburgu kkwalifikat ukoll bħala li tikkonċerna "diżastru naturali ta' pajjiż ġar", peress li l-applikazzjonijiet għall-istess avveniment ta' diżastru mill-pajjiżi ġirien il-Ġermanja u l-Belġju kkwalifikaw bħala li jikkonċernaw "diżastri naturali maġġuri". Il-ħsara totali laħqet EUR 193,3 miljun. Il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2022) 9875 fis-16 ta' Diċembru 2022, u ħallset EUR 1 822 056 fis-27 ta' Diċembru 2022.

- **SPANJA – ŻBROFF VULKANIKU**

  L-applikazzjoni ta' Spanja kkwalifikat bħala li tikkonċerna "diżastru naturali reġjonali". Fil-21 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2022) 1802 li tat pagament antiċipat ta' EUR 5 391 796 biex tgħin l-operazzjonijiet ta' emerġenza u rkupru wara d-diżastru. Il-pagament antiċipat sar fit-2 ta' Mejju 2022.

  Fid-19 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2022) 9899 li tat kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 9 449 589 mill-FSUE lil Spanja. Il-bilanċ ta' EUR 4 057 793 tħallas fis-27 ta' Diċembru 2022.

- **IL-GREĊJA – TERREMOT**

  L-applikazzjoni tal-Greċja kkwalifikat bħala li tikkonċerna "diżastru naturali reġjonali". Fis-26 ta' April 2022, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2022) 2599 li tagħti pagament antiċipat ta' EUR 896 375, li tħallas lill-Greċja fid-19 ta' Mejju 2022.

  Il-proposta tal-Kummissjoni COM(2022) 665 tal-14 ta' Ottubru 2022 ġiet sottomessa lill-awtorità baġitarja, li approvatha f'Diċembru 2022. B'mod simili għas-sitt applikazzjonijiet imsemmija hawn fuq, l-ammont ta' għajnuna propost mogħti lill-Greċja kellu jitnaqqas fuq bażi *pro rata*. Fid-19 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2022) 9865 li tat kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE lill-Greċja. Il-bilanċ ta' EUR 455 511 tħallas fis-27 ta' Diċembru 2022.

- ***FL-2022***

  IR-RUMANIJA – NIXFA

  Bejn Marzu u Awwissu 2022, ir-Rumanija esperjenzat nixfa severa u mifruxa. Meta mqabbel ma' avvenimenti simili tal-passat, dan kien evidenti minħabba l-intensità tiegħu u ż-żona affettwata. Is-settur agrikolu (speċifikament l-għelejjel) ġie affettwat b'mod negattiv min-nixfa u ż-żewġ mewġiet ta' sħana konsekuttivi.

  Ir-Rumanija ppreżentat applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-FSUE f'Settembru 2022. Skont l-awtoritajiet Rumeni, id-dannu dirett totali ddikjarat kien ta' EUR 1,3 biljun. Ir-Rumanija ma talbitx pagament antiċipat.

  Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM(2023) 381 tat-23 ta' Awwissu 2023, l-awtorità baġitarja approvat il-pagament ta' EUR 33 895 935 mill-FSUE lir-Rumanija. Fit-30 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2023) 8477 li tat kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE. Il-pagament sar fl-14 ta' Diċembru 2023.

ITALJA — GĦARGĦAR

F'Settembru 2022, xita qawwija kkawżat għargħar fluvjali u għal għarrieda diżastruż fir-reġjun tal-Marche fl-Italja, li rriżulta fil-qerda jew il-ħsara tal-infrastruttura, kif ukoll ta' bini u oġġetti pubbliċi u privati. L-avveniment kellu konsegwenzi drammatiċi (12-il persuna tilfu ħajjithom u persuna waħda għebet) u kkawża telf ekonomiku serju.

L-Italja applikat għall-appoġġ mill-FSUE f'Diċembru 2022, iżda ma talbitx pagament antiċipat. Il-ħsara diretta totali kienet ta' kważi EUR 670 miljun.

Wara l-proposta tal-Kummissjoni COM(2023) 381 tat-23 ta' Awwissu 2023, l-awtorità baġitarja approvat il-pagament ta' EUR 20 939 095 mill-FSUE lill-Italja. Fil-5 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2023) 8598 li tat kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE. Il-pagament sar fl-14 ta' Diċembru 2023.

FINANZJAMENT

L-ammonti individwali ta' assistenza proposti mill-Kummissjoni ġew ikkalkulati bl-użu tal-metodu li ġie deċiż fl-2002 u ġie applikat fil-każijiet sussegwenti kollha. Huwa bbażat fuq il-ħsara diretta totali aċċettata kkawżata mid-diżastru b'rabta mal-ġid relattiv tal-istat affettwat kif rifless mil-livell limitu għal diżastru maġġuri (ara l-Anness I).

Għaldaqstant, għal "diżastri naturali maġġuri", tiġi applikata sistema progressiva b'żewġ fażijiet li permezz tagħha l-pajjiż jirċievi rata ta' għajnuna aktar baxxa ta' 2,5 % tal-ħsara diretta totali għall-parti tal-ħsara taħt il-livell limitu u rata ogħla ta' għajnuna ta' 6 % għall-parti tal-ħsara li taqbeż il-livell limitu. Iż-żewġ ammonti huma miżjuda flimkien. "Diżastri naturali reġjonali" u "diżastri naturali ta' pajjiż ġar" jirċievu 2,5 % tal-ħsara diretta totali.

Ladarba l-Parlament Ewropew u l-Kunsill kienu approvaw il-mobilizzazzjoni u għamlu l-approprjazzjonijiet baġitarji meħtieġa disponibbli fil-baġit tal-UE, il-Kummissjoni adottat deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li jagħtu l-assistenza lill-pajjiżi individwali u mbagħad ħallset l-ammont sħiħ. F'dawk il-każijiet fejn ingħata pagament antiċipat, tħallas biss il-bilanċ tal-kontribuzzjoni sħiħa.

L-annessi tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni inkludew deskrizzjoni ġenerika tal-użu maħsub tal-flus, elenkaw l-awtoritajiet nominati mill-Istati benefiċjarji biex jipproċessaw il-kontribuzzjoni tal-FSUE u semmew l-awtorità indipendenti responsabbli għall-awditjar u l-kontroll.

Fl-Anness II ta' dan ir-rapport jinsabu tabelli finanzjarji dettaljati.

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, bħala l-awtorità baġitarja, approvaw 30 kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE kif propost mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE fil-gruppi li ġejjin:

- 2021

- Fl-24 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-FSUE[5] għal ammont ta' EUR 484 199 841 biex tingħata assistenza lill-Greċja u lil Franza wara diżastri naturali reġjonali li seħħew f'dawn il-pajjiżi matul l-2020, kif ukoll lil 20 Stat Membru u pajjiżi tal-adeżjoni (l-Albanija, l-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, Franza, il-

[5] COM(2021) 201 final

Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Montenegro, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Serbja, Spanja) b'reazzjoni għall-emerġenza tas-saħħa pubblika kbira kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 fil-bidu tal-2020. Din il-proposta ta' mobilizzazzjoni kienet akkumpanjata mill-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 2/2021[6] li ppropona li jiġu riportati EUR 47 981 598 mill-allokazzjoni mhux użata tal-2020 direttament għal-linja baġitarja operazzjonali tal-FSUE u DEC[7] Nru 03/2021 li tipproponi t-trasferiment tal-ammont ta' EUR 427 543 750 mil-linja ta' riżerva tar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR, Solidarity and Emergency Aid Reserve) għal-linja baġitarja operazzjonali tal-FSUE, kemm f'impenji kif ukoll f'pagamenti.

Il-proposta ta' mobilizzazzjoni ġiet adottata mill-awtorità baġitarja fl-20 ta' Mejju 2021[8] biex (i) jingħataw EUR 86 744 920 f'assistenza mill-FSUE lill-Greċja u lil Franza b'rabta ma' diżastri naturali; u (ii) jingħataw EUR 529 347 741 f'assistenza lil 20 Stat Membru u pajjiżi kandidati b'reazzjoni għall-emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19.

- Fid-29 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-FSUE[9] biex tingħata assistenza lill-Kroazja b'rabta mas-sensiela ta' terremoti li bdew fit-28 ta' Diċembru 2020. Il-proposta ta' mobilizzazzjoni kienet akkumpanjata md-DEĊ Nru 28/2021 korrispondenti li pproponiet it-trasferiment ta' EUR 277 866 852 mil-linja ta' riżerva tas-SEAR għal-linja baġitarja operazzjonali tal-FSUE, kemm f'impenji kif ukoll f'pagamenti. Il-proposta ta' mobilizzazzjoni kopriet l-ammont sħiħ li kien meħtieġ li jiġi mobilizzat, filwaqt li d-DEĊ qieset il-pagament antiċipat diġà mħallas u pproponiet li jiġi ttrasferit l-ammont li jifdal ta' EUR 277,9 miljun.

  Il-proposta ta' mobilizzazzjoni ġiet adottata mill-awtorità baġitarja fil-15 ta' Diċembru 2021[10] li tat EUR 319,2 miljun f'appoġġ mill-FSUE lill-Kroazja wara s-sensiela devastanti ta' terremoti li laqtu lill-Kontej ta' Sisak-Moslavina, Karlovac u Zagreb f'Diċembru 2020 u Jannar 2021.

➢ 2022

- Fl-14 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-FSUE[11] biex jipprovdi assistenza lill-Ġermanja, il-Belġju, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Lussemburgu, Spanja u l-Greċja

[6] COM(2021) 200 final.

[7] Talba għal trasferiment tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju.

[8] Id-Deċiżjoni (UE) 2021/885 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Greċja u lil Franza b'rabta ma' diżastri naturali u lill-Albanija, lill-Awstrija, lill-Belġju, lill-Kroazja, liċ-Ċekja, lill-Estonja, lil Franza, lill-Ġermanja, lill-Greċja, lill-Ungerija, lill-Irlanda, lill-Italja, lil-Latvja, lil-Litwanja, lil-Lussemburgu, lill-Montenegro, lill-Portugall, lir-Rumanija, lis-Serbja u lil Spanja fir-rigward ta' emerġenza tas-saħħa pubblika (ĠU L 194, 2.6.2021, p. 40).

[9] COM(2021) 963 final.

[10] Id-Deċiżjoni (UE) 2022/49 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Kroazja b'rabta mas-sensiela ta' terremoti li bdew mit-28 ta' Diċembru 2020 (ĠU L 9, 14.1.2022, p. 37).

[11] COM(2022) 665 final.

wara d-diżastri naturali li seħħew f'dawn il-pajjiżi matul l-2021. Din il-proposta ta' mobilizzazzjoni kienet akkumpanjata minn DEC Nru 20/2022 li pproponiet it-trasferiment ta' EUR 668 482 761 mil-linja ta' riżerva tas-SEAR għal-linja baġitarja operazzjonali tal-FSUE, kemm f'impenji kif ukoll f'pagamenti.

- Il-proposta ta' mobilizzazzjoni ġiet adottata mill-awtorità baġitarja fl-14 ta' Diċembru 2022[12] li tat EUR 718 482 761 f'assistenza mill-FSUE lil: (i) il-Belġju, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Awstrija fir-rigward tal-għargħar f'Lulju 2021; (ii) Spanja fir-rigward tal-iżbroff vulkaniku fuq il-gżira ta' La Palma fid-19 ta' Settembru 2021; u (iii) il-Greċja fir-rigward tat-terremot fi Kreta fis-27 ta' Settembru 2021. Pagamenti antiċipati ta' EUR 5 391 796 u EUR 896 375 kienu diġà tħallsu f'Marzu 2022 għal Spanja u f'April 2022 għall-Greċja, rispettivament. Wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tat l-assistenza, il-bilanċ ta' EUR 18 134 078 tħallas fis-27 u t-28 ta' Diċembru 2022 lill-Greċja, lil Spanja, lil-Lussemburgu, lin-Netherlands u lill-Awstrija. Il-Belġju u l-Ġermanja rċevew l-appoġġ tal-FSUE tagħhom ta' EUR 612 611 256 u EUR 87 737 427, rispettivament, fl-2023.

GĦELUQ

L-Artikolu 8(3) tar-Regolament jistipula li fi żmien 24 xahar mid-data tal-iżborż tal-kontribuzzjoni finanzjarja, l-Istat benefiċjarju jrid jippreżenta rapport dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja ("rapport ta' implimentazzjoni") b'dikjarazzjoni li tissostanzja n-nefqa ("dikjarazzjoni ta' validità").

Il-Kummissjoni għalqet tliet każijiet tal-FSUE fl-2021 u tlieta fl-2022.

- ***GĦELUQ TAL-2021***

L-Ungerija, għargħar fl-2010: il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE kienet tammonta għal EUR 22 485 772. L-Ungerija ssottomettiet ir-rapport ta' implimentazzjoni u d-dikjarazzjoni ta' validità f'Mejju 2013. Wara kjarifika ta' għadd ta' kwistjonijiet relatati mad-dikjarazzjoni ta' validità, il-fajl ingħalaq mingħajr ebda korrezzjoni finanzjarja f'Jannar 2021.

L-Italja, għargħar tas-silġ u uqigħ tal-art fl-2013: il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE kienet tammonta għal EUR 16 310 467. L-awtoritajiet Taljani ssottomettew ir-rapport ta' implimentazzjoni u d-dikjarazzjoni ta' validità f'April 2017. L-Italja kienet irrappurtat EUR 17 046 958,22 f'nefqa eliġibbli, li kienet ogħla mill-kontribuzzjoni tal-FSUE ta' EUR 16 310 467. Id-dikjarazzjoni ta' validità ġiet aċċettata, u l-fajl ingħalaq f'Marzu 2021.

Il-Bulgarija, kundizzjonijiet xitwin severi 2015: il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE kienet tammonta għal EUR 6 377 815. Il-Bulgarija ssottomettiet ir-rapport ta' implimentazzjoni u d-dikjarazzjoni ta' validità f'Novembru 2017. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Bulgarija, in-nefqa eliġibbli taħt l-FSUE ammontat għal EUR 6 140 983,69, li kienet EUR 236 839,16 inqas mill-ammont riċevut. Fir-rapport ta' implimentazzjoni, l-awtoritajiet Bulgari kienu rrappurtaw li fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni EUR 7,85

[12] Id-Deċiżjoni (UE) 2023/68 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Ġermanja, il-Belġju, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Lussemburgu, Spanja u l-Greċja wara diżastri naturali li seħħew f'dawn il-pajjiżi matul l-2021 (ĠU L 7, 10.1.2023, p. 25).

f'imgħax baqgħu fil-kont u ma setgħux jintefqu għal operazzjonijiet eliġibbli. Il-Kummissjoni ddeċidiet li kellha tiġi applikata korrezzjoni finanzjarja ta' EUR 236 839.16 u kkomunikat dan lill-Bulgarija f'Settembru 2019. Fit-tweġiba tagħhom ta' Jannar 2020, l-awtoritajiet Bulgari rrappurtaw imgħax addizzjonali mhux minfuq ta' EUR 690,23 li kellu jiżdied mal-ammont li kellu jiġi rkuprat. Fi Frar 2020, il-Kummissjoni rċeviet l-ammont totali ta' EUR 237 529,39, u l-fajl ingħalaq f'Jannar 2021.

- ***GĦELUQ TAL-2022***

Il-Kroazja, għargħar fl-2014: il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE kienet tammonta għal EUR 8 616 263. Il-Kroazja ssottomettiet ir-rapport ta' implimentazzjoni f'April 2017. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja u tas-sejbiet, in-nefqa eliġibbli taħt il-FSUE ammontat għal EUR 11 736 261,85, li qabżet il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-FSUE b'EUR 3 119 998,85. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma kellha tiġi applikata l-ebda korrezzjoni finanzjarja, u l-fajl ingħalaq f'Mejju 2022.

Is-Serbja, l-għargħar fl-2014: il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE kienet tammonta għal EUR 60 224 605. Is-Serbja ssottomettiet ir-rapport ta' implimentazzjoni f'Mejju 2017. Wara analiżi tal-awditjar, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien meħtieġ li tiġi applikata l-ebda korrezzjoni finanzjarja. Għalhekk, il-fajl ingħalaq f'Marzu 2022.

Il-Portugall, nirien fl-2016: il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE kienet tammonta għal EUR 3 925 000. Il-Portugall issottometta r-rapport ta' implimentazzjoni u d-dikjarazzjoni ta' validità f'Mejju 2019. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Portugall, in-nefqa eliġibbli taħt il-FSUE ammontat għal EUR 4 037 711, li qabżet il-kontribuzzjoni tal-FSUE b'EUR 112 711. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dikjarazzjoni ta' validità setgħet tiġi aċċettata, u li ma kien hemm bżonn li tiġi applikata l-ebda korrezzjoni finanzjarja. Il-fajl ingħalaq f'Mejju 2022.

KONKLUŻJONIJIET

L-2021 u l-2022 urew għal darba oħra li d-diżastri naturali, ħafna minnhom xprunati mit-tibdil fil-klima, qed isiru aktar frekwenti fl-Ewropa u madwar id-dinja, b'effetti diżastruż fuq il-ħajja tal-bniedem, l-ekonomija u l-ekosistemi. Madankollu, l-2021 kienet iddominata minn diżastri ta' għargħar, żbroff vulkaniku u terremot diżastruż ukoll poġġew il-ħajja tan-nies fil-periklu. Sadanittant, it-temp kien estremament xott bejn Marzu u Settembru 2022, li wassal għal nixfa u nar forestali f'ħafna territorji Ewropej. Skont studju kurrenti mwettaq miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka[13], dan l-avveniment ta' nixfa kien aktar intens u estensiv f'termini taż-żoni affettwati meta mqabbel ma' avvenimenti simili fil-passat.

L-2021 u l-2022 raw għadd iżgħar ta' applikazzjonijiet meta mqabbla mal-2020, li wrew li kienu waħda mill-aktar snin impenjattivi u diffiċli għall-FSUE minħabba li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu ġie estiż biex ikopri emerġenzi tas-saħħa maġġuri. Madankollu, kien hemm żewġ diżastri naturali partikolarment devastanti.

- L-ewwel wieħed kien is-sensiela ta' terremoti fil-Kroazja f'Diċembru 2020-Jannar 2021, li fil-biċċa l-kbira laqtu l-belt ta' Petrinja u ż-żona tal-Kontea ta' Sisak-Moslavina. Il-Kummissjoni ħallset total ta' EUR 319 192 359 lill-Kroazja għall-irkupru wara d-diżastru.

[13] Il-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, *Drought in Europe - August 2022*. Disponibbli fuq: https://edo.jrc.ec.europa.eu/documents/news/GDO-EDODroughtNews202208_Europe.pdf.

- It-tieni wieħed kienet jikkonċerna l-għargħar għal għarrieda sever f'Lulju 2021 f'ħames Stati Membri tal-Punent (il-Belġju, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Awstrija), li rċevew EUR 707,7 miljun f'assistenza mill-FSUE.

Dawn iż-żewġ diżastri waħedhom ammontaw għal aktar mid-doppju tal-baġit totali tal-FSUE għall-2021 ta' EUR 500 miljun bil-prezzijiet tal-2011. Il-każ tal-għargħar tal-Ewropa tal-Punent b'mod partikolari kien uniku minħabba li l-ispiża totali tal-ħsara kienet tant għolja li l-FSUE ma setax jissodisfa t-talbiet fuq il-baġit u b'riżultat ta' dan **kellu jiġi applikat tnaqqis pro rata ta' 62 % biex jiġi żgurat li l-Istati Membri affettwati jiġu ttrattati b'mod ugwali**.

L-għadd u l-iskala dejjem akbar ta' diżastri naturali fl-2020 u fl-2021, kif ukoll l-assistenza tal-FSUE għall-emerġenza tas-saħħa pubblika tal-COVID-19, **ħolqu domanda bla preċedent u pressjoni baġitarja konsiderevoli fuq ir-riżorsi limitati allokati għall-FSUE** taħt ir-Regolament dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ("QFP") 2021-2027.

Fl-isfond tal-intensifikazzjoni tad-diżastri relatati mat-tibdil fil-klima madwar l-UE, l-**ammont disponibbli għall-FSUE fl-2021 kien aktar baxx f'termini assoluti u relattivi milli fil-bidu tal-Fond fl-2002**. Bejn l-2002 (meta nħoloq l-FSUE) u l-2013, kellu allokazzjoni annwali massima ta' EUR 1 biljun bil-prezzijiet kurrenti. Fl-2021, **għall-ewwel darba mill-istabbiliment tal-FSUE, l-ammonti ta' għajnuna (ikkalkulati bl-użu tal-metodoloġija aċċettata) ma tħallsux kollha** għall-applikazzjonijiet eliġibbli relatati mal-COVID-19 minn 20 pajjiż applikant minħabba li l-ammont totali ta' għajnuna kkalkulat għal dawk il-pajjiżi kollha qabeż ir-riżorsi tal-baġit disponibbli. Għalhekk, l-20 pajjiż benefiċjarju kollha kellhom l-għajnuna tal-FSUE relatata mal-COVID-19 imnaqqsa fuq bażi pro rata, u l-applikazzjonijiet tagħhom irċevew 47 % tal-għajnuna potenzjali totali li kienet ġiet ikkalkulata bl-użu tal-metodoloġija aċċettata u applikata b'mod konsistenti. Barra minn hekk, **l-inċertezza akbar dwar l-allokazzjoni baġitarja disponibbli għall-FSUE fi ħdan il-pakkett tas-SEAR** poġġiet pressjoni addizzjonali fuq il-FSUE u xi drabi dewmet il-mobilizzazzjoni tal-assistenza.

Fil-qosor, l-għadd ta' applikazzjonijiet u ż-żieda fit-talbiet għall-FSUE f'dawn l-aħħar snin juru li hemm domanda għolja għall-appoġġ tiegħu u għas-solidarjetà fl-UE, li jeħtieġ li jiġu riflessi f'allokazzjoni ogħla għall-baġit tal-FSUE fil-futur.